TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI

Fl-atti tat-Talba CCT 173/18/F

Joan Elich

vs

Enrico Borg (għan-nom u in rappreżentanza ta' Enrico Travel Ltd) u l-istess Enrico Travel Ltd (C-11360)

Illum, 20 ta' Jannar 2025

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar is-6 ta' Novembru 2018;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-intimat Enrico Borg personalment nhar is-26 ta' Novembru 2018;

Ra li l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 fejn it-Tribunal, dak iż-żmien diversament presedut, kien laqa' talba tar-Rikorrenti għal korrezzjoni fl-okkju tat-Talba biex l-intimat jiġi jaqra "Enrico Tavel Ltd u Enrico Borg eżerċenti l-kummerċ bħala Enrico Travel Ltd";

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2023 fejn it-Tribunal, contrario imperio, reġa' ordna korrezzjoni fl-okkju tat-Talba biex dan jiġi jaqra "Enrico Borg għan-nom u in rappreżentanza ta' Enrico Travel Ltd";

Ra r-Risposta ppreżentata minn "Enrico Borg eżerċenti l-kummerċ bħala Enrico Travel Ltd" Ltd fit-13 ta' Ġunju 2023 fejn ġiet eċċepita l-preskrizzjoni biennali a tenur tal-Artikolu 13(6) tal-L.S. 409.19 (Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta) kif ukoll tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata Enrico Travel Ltd fit-13 ta' Ġunju 2023;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata thallasha s-somma ta' **tlett elef u hames mitt Euro (€3,500)** rappreżentanti rimborż minn prezz akbar ta' tlett elef, sitt mija u sita u tmenin Euro (€3,686) li hija hallset lill-azjenda intimata ghal "Sardegna Package" fil-Horse Country Resort & Spa f'Sardegna, l-Italja, bejn it-12 u d-19 ta' Awwissu 2018. In sucċint, hija tilmenta li s-servizz mogħti mill-azjenda intimata ma kienx tajjeb u skond ma ġie mwiegħed minħabba li:

- Riħa ta' drenaġġ fil-kamra tal-banju tal-bungalow assenaja lilhom;
- Nuqqas ta' *air conditioner* proprja. Tgħid li f'*bungalow* kabbarija b'żewġ kmamar tas-sodda kull ma kien hemm huwa *portable air conditioner* wieħed li ma setax ilaħħaq. Tgħid ukoll li dan il- *portable air conditioner* kien jagħmel ħafna storbju u li kellu l-filtri maħmuġa;
- Nuqqas ġenerali ta' ndafa u manutenzjoni fil-kmamar, tant li kien hemm il-madum tal-art maqsum kif ukoll *shower tray* maqsum u sink minnhom kien joqtor;
- Nuqqasijiet fil-kawlità u kwantità ta' ikel provdut fir-*Resort* bħala part mill-*all inclusive package* li ħallsu għalih. Tilmenta li persuni li kienu magħha kif ukoll vjaġġaturi oħrajn Maltin li tkellmet magħhom qabadhom gastrointerite mill-ikel li kien hemm provdut.

Illi tramite r-Risposti li hija ppreżentat, in sintesi, apparti l-preskrizzjoni u li Enrico Borg personalment ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-Rikorrenti, l-azjenda intimata tikkontesta t-Talba ukoll fil-mertu billi in sintesi ssostni li l-prodott offrut kien wieħed tajjeb u li jekk xejn, ir-Rikorrenti qed teżaġera l-ilmenti tagħha u "tfittex ix-xagħra fl-għaġina"[1].

[1] Skont kif tirrimarka l-azjenda intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha

Illi ġew ippreżentati għadd ta' ritratti li jikkonfermaw li l-kundizzjoni tal-*bungalow* allokata lir-Rikorrenti u l-persuni ta' magħha ċertament ma kienitx ottima. Xehdu bil-ġurament ir-Rikorrenti Joan Elich, Tania Galea, Chris Gravino, Redent Galea kif ukoll Chiara Borg. Mill-assjem ta' din ix-xiehda, it-Tribunal ħa stampa tad-dinamika fattwali ta' dan il-każ.

Illi t-Tribunal sejjer l-ewwelnett jiddisponi mill-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati. Dawn ser jiġu trattati flimkien għax konnessi. Jidher li l-Avviż promotur ġie redatt mir-rikorrenti stess bla assistenza legali u jindika bħala intimat lil "Enrico Borg – Enrico Travel, Sir Ugo Mifsud Bonnici, Ta' Xbiex" (sic.) Fir-Risposta tiegħu tas-26 ta' Novembru 2018, Enrico Borg jammetti li "kif jidher mill-fatturi maħruġa lir-Rikorrenti, il-*brand name* Enrico Travel huwa proprjetà ta' Enrico Travel Ltd". Minn dan it-Tribunal jinnota li ma hemmx dubju li r-Rikorreti kienet qed tindirizza l-ilment tagħha tagħha kontra l-entità kummerċjali Enrico Travel Ltd tant li n-notifika saret f'dak li huwa l-indirizz uffiċjali tagħha kif riżultanti mid-dokumentazzjoni eżebita in atti, inkluż minnha stess. Intant, il-pożizzjoni fil-ġurisprudenza illum hija li "*fl-indikazzjoni ta' isem ta' persuna fi proċeduri ġudizzjarji – sia bħala l-parti azzjonanti fil-każ kif ukoll bħala l-parti mħarrka – l-element determinanti ma huwiex tant l-indikazzjoni assolutament korretta ta' l-isem, iżda jekk bid-dettalji kif mogħtija kienx hemm dubju raġonevoli o meno dwar l-identità tal-persuna*"[2]. *Multo magis* quddiem dan it-Tribunal fejn tapplika l-ekwità[3]. Għalhekk, stante li ma hemm l-ebda dubju raġjonevoli kontra min kienu rivolti dawn il-proċeduri, filwaqt li Enrico Borg personalment ser jiġi estromess, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ser jiġi miċħuda għax it-Tribunal iqis li l-ewwel notifika kienet valida fil-konfront ta' Enrico Travel Ltd ukoll, li tagħha wara kollox Enrico Borg huwa "id-Direttur ewlieni"[4]. It-Tribunal issa jrid jevalwa l-mertu tat-Talba.

Illi d-dwar id-determinazzjoni tal-mertu ta' din il-vertenza, dan it-Tribunal jirreferi għall-Artikolu 12(1) tal-L.S. 409.19 (Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta), li jistabilixxi li "*l-organizzatur huwa responsabbli għall-eżekuzzjoni tas-servizzi tal-ivvjaġġar inklużi fil-kuntratt tal-pakketttal-ivjaġġar, irrispettivament minn jekk dawk is-servizzi għandhomx jingħataw mill-organizzatur jew minn forniturioħra ta' servizzi tal-ivjaġġar*". Dubju li l-azjenda intimata hija l-organizzatur tal-ġita ma hemmx. Filfatt tiċċita dawn ir-Regolamenti hija stess fil-kuntest tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ġiet miċħuda. Għalhekk, it-Tribunal iqis li qajla tgħin il-pożizzjoni tagħha l-azjenda intimata billi sempliċiment irreferiet l-ilment tar-Rikorrenti lir-*Resort* mingħajr ma għamlet l-iċken

[2] *Alfred Baldacchino Limited vs C&F Build Limited* (Qorti tal-Maġistrati, deċiża fid-9 ta' Jannar 2012)
[3] Artikolu 21(1) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta
[4] Hekk kif mistqarr fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati

attentat li tindirizzah jew toffri rimedju hija stess. Dan għax fl-aħħar mill-aħħar, versu l-klijent, ir-responsabbilità hija tagħha.

Illi t-Tribunal jirreferi għal deċiżjonijiet preċedenti tiegħu[5] fejn f'każijiet ta' ilmenti simili minn konsumaturi, it-talbiet tagħhom ġew akkolti. Intant, it-Tribunal jinnota li l-azjenda intimata tibbaża d-difiża tagħha prinċipalment fuq bosta ritratti u *reviews* ta' klijenti oħrajn bl-iskop li juru kemm il-Horse Country Resort huwa sabiħ u kemm dawn ħadu pjaċir. It-Tribunal mhux f'pożizzjoni li jqis dawn hux qed jgħidu l-verità[6] jew li jissandaka jekk ir-ritratti eżebiti humhiex ġenwini iżda jqis mill-banda l-oħra li r-ritratti eżebiti mir-Rikorrenti ma ġew bl-ebda mod kontestati u allura, stante dan, it-Tribunal qed jaċċettahom bħala veri. X'jirriżuta minnhom huwa *res ipsa loquitur*. Hija possibilità li r-ritratti eżebiti mill-azjenda intimata kienu ta' kmamar riċentament rinnovati filwat li l-kamra li misset lir-Rikorrenti kienet għamlet żmienha. Bl-istess mod, it-Tribunal ftit li xejn jista' joqgħod fuq sempliċi dikjarazzjoni allegatament magħmula mid-Direttur tar-*Resort* Betty Harmsen, u dan għax dak li ġie ppreżentat fl-atti huwa *word document* li la huwa stampat fuq letterhead uffiċjali, la huwa ffirmat u wisq anqas ġie kkonfermat bil-ġurament mill-awtur tiegħu.

Illi skont l-Artikolu 12(1) tal-L.S. 409.19 (Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta), "*l-organizzatur huwa responsabbli għall-eżekuzzjoni tas-servizzi tal-ivvjaġġar inklużi fil-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar, irrispettivament minn jekk dawk is-servizzi għandhomx jingħataw mill-organizzatur jew minn fornituri oħra ta' servizzi tal-ivjaġġar*". Dubju li l-azjenda intimata hija l-organizzatur tal-ġita ma hemmx. Filfatt tiċċita dawn ir-Regolamenti hija stess fil-kuntest tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ġiet miċħuda. Għalhekk, it-Tribunal iqis li qajla tgħin il-pożizzjoni tagħha l-azjenda intimata billi sempliċiment irreferiet l-ilment tar-Rikorrenti lir-*Resort* mingħajr ma għamlet l-iċken attentat li tindirizzah jew toffri rimedju hija stess. Dan għax fl-aħħar mill-aħħar, versu l-klijent, ir-responsabbilità hija tagħha.

Illi t-Tribunal evalwa sewwa l-provi u jasal għall-konklużjoni li fuq preponderanza tal-istess provi, hemm divarju bejn dak li rreklamat l-azjenda intimata u li allura kien raġjonevolment mistenni mill-Konsumatur, u l-prodott li finalment ingħata fil-Horse Country Resort. Għalhekk, it-Talba tar-Rikorrenti għandha tiġi akkolta.

---

[5] *vide* fost oħrajn *Nadia Celleja et vs Maria Regina Granata għan-nom ta' Granata Travel* (CCT/214/23/CC, deċiża fit-22 ta' Ottubru 2024 u mhux appellata) kif ukoll *Therese Borg Preca vs Orange Travel Group Limited* (CCT/25/20/F, deċiża fid-19 ta' Frar 2024 u mhux appellata)

[6] Partikolarment għax ma ġewx prodotti bħala xhieda u allura ma ġewx soġġetti għall-kontroll permezz tal-kontro-eżami

Illi t-Tribunal ra l-Artikolu 13(1) tar-Regolamenti appena ċitati li jgħid li "*il-vjaġġatur huwa intitolat għal tnaqqis fil-prezz adegwat għal kwalunkwe perijodu li matulu kien hemm nuqqas ta' konformità, u dan sakemm l-organizzatur ma jagħtix prova li n-nuqqas ta' konformità huwa attribwibbli lill-vjaġġatur*". Fid-dawl ta' dan, u in vista taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, bħala rimedju it-Tribunal sejjer jillikwida r-rimborż dovut lir-Rikorrenti *arbitrio boni viri* u jqis li nofs il-prezz komplessiv imħallas għall-ġita, u ċioè s-somma ta' elf, tmien mija u tlieta u erbgħin Euro (€1,843) ikun tnaqqis fil-prezz adegwat kif tgħid il-liġi.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti kollha magħmula taħtu kif ukoll ir- Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (Leġislazzjoni Sussidjarja 409.19), it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi:

1. **Jiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;**
2. **Jillibera lill-intimat Enrico Borg personalment mill-osservanza tal-ġudizzju;**
3. **Jilqa' t-Talba tar-Rikorrenti *in parte* u jillikwida t-tnaqqis fil-prezz adegwat dovut fis-somma ta' elf, tmien mija u tlieta u erbgħin Euro (€1,843);**
4. **Jikkundanna lill-azjenda intimata Enrico Travel Ltd (C-11360) tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' elf, tmien mija u tlieta u erbgħin Euro (€1,843) kif hekk likwidata.**

L-imgħax jgħodd mid-data ta' din is-sentenza.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha mill-azjenda intimata Enrico Travel Ltd (C-11360).

Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.)
Arbitru